TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 20/12 (JE).

Valeria Sant

vs

SMS Mondial Ltd.

Illum, 21 ta' Mejju 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Valeria Sant tat-23 ta' Jannar 2012 fejn qalet illi kien marret "tour" għall-"honeymoon" tagħha, liema "tour" ma laħaqx l-aspettattivi tagħha u dana skond ittra indirizzata lis-soċjetà konvenuta illi ġiet allegata mal-avviż. Hija attribwixxiet dawn in-nuqqasijiet lit-"tour-leader" illi ma kienx preparat u kien ferm inkompetenti. Din il-vaganza swiet € 2,648 kull persuna u l-attriċi talbet € 900 għal kull persuna minħabba danni materjali u morali

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha rrespinġiet it-talbiet attriċi in toto peress illi t-talbiet m'huma xejn ħlief attakk personali kontra t-tour leader illi huwa wieħed professjonali u kompetenti. Sostniet ukoll illi ħafna mill-ilmenti jirrigwardaw dewmien illi huma mistennija tenut kont tal-kobor tal-postijiet ikkonċernati u tas-size tal-group. Sostniet ukoll illi l-attur kien jaf minn qabel b'ħafna affarijiet illi issa qed jilmenta minnhom u bosta lmenti huma frivoli u vessatorji. Allegat ukoll illi l-attur kien in mala fede peress illi qed jitlob kumpens ogħla minn dak mitlub qabel ma nfetħet il-kawża illi jaqbeż il-massimu li jista' jagħti t-Tribunal ai termini ta' l-artikolu 21(2) tal-Kap. 378.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ra illi t-Tribunal ordna illi dina l-kawża tinstema flimkien mal-kawża fl-ismijiet "Clyde Camilleri vs SMS Mondial Ltd."

Ikkunsidra.

Illi fl-ewwel lok, irid jingħad illi l-partijiet qed jagħtu verżjonijiet ferm konfliġġenti ta' x'ġara fit-tour in kwistjoni. Irid jingħad ukoll illi l-attur fl-ittra illi allega ma l-avviż tiegħu datata 29 ta' Settembru 2011 semma bosta lmenti illi ma jolqtuhx lilu direttament imma lill-membri l-oħra tal-grupp illi kienu miegħu. Huwa evidenti illi tali lmenti li ma jikkonċernawx lill-attur ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni fl-ilment tiegħu..

Il-partijiet ilkoll taw spjegazzjoni dettaljata tal-posizzjoni tagħhom. Wieħed irid jgħid ukoll illi fis-seduta tal-l-14 ta' Marzu 2013, l-attur stqarr illi d-dewmien kollu illi soffra matul it-tour in kwistjoni kien jammonta għal ħames sigħat. Is-soċjetà konvenuta tat spjegazzjoni dettaljata tal-kawżi kollha tad-dewmien illi soffrew il-membri tat-tour u spjegat illi r-raġunjiet ta' tali dewmien spiss ma kienux fil-kontroll tagħha. Jidher ukoll illi t-"tour leader" għamel minn kollox sabiex jissorvola l-problemi illi inevitabilment jinqalgħu kif inhu fid-dmir illi jagħmel u ma jidhierx illi aġixxa b'xi mod negliġenti kif ġie allegat. Inoltre, tali dewmien ta' ħames sigħat seħħ matul tour ta' 17-il jum. Wieħed jistenna illi fi grupp ta' 36 ruħ fil-medda ta' 17-il jum, jinqalgħu problemi u jkun hemm xi dewmien. Madankollu, il-grupp in kwistjoni deher illi kien pjuttost puntiljuż tant illi anke lmenta illi kellu jħallas "tips" lix-xufier, prassi mill-aktar normali kullimkien u illi fl-Istati Uniti hija mandatorja anke f'ristoranti. Għaldaqstant, wieħed ma jifhiemx il-ġustifikazzjoni għat-talba ta' € 500 bħala danni materjali għal ħames sigħat dewmien matul tour ta' 17-il jum kif ukoll għat-talba għal € 400 bħala danni morali.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi. In vista tan-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.